

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 880/2013****tat-13 ta' Settembru 2013****li jemenda għall-201 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida, <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fl-4 ta' Settembru 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) iddeċieda li jneħħi entità waħda mil-lista tiegħu ta' persuni,

gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, wara li kkunsidra t-talba li għamlet din l-entità biex titneħħa minn fuq il-lista u r-Rapport Komprensiv tal-Ombudsperson li ġie stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1904(2009) tal-KSNU.

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

## ANNEX

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" għandha titħassar:

'Lajnat Al Daawa Al Islamiya (magħruf ukoll bħala (a) LDI, (b) Lajnat Al Dawa, (c) Islamic Missionary Commission).  
Indirizz: (a) l-Afganistan, (b) il-Pakistan. Informazzjoni oħra: Assoċjat mal-Grupp Ġellied Iżlamiku Libjan (Libyan Islamic Fighting Group) Id-data tal-inklużjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 20.2.2003.'

---